# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-31 TA’ JANNAR, 2023**

**Kawża Numru: 3**

**Rik. Ġur. 678/2022 RGM**

**Alan Spiteri**

**vs.**

**Michael Cauchi**

**Il-Qorti:**

1. Rat li b’rikors maħluf tad-29 ta’ Lulju 2022 l-attur ppremetta li fit-12 ta’ Novembru 2020 saret wegħda ta’ bejgħ bejnu u bejn il-konvenut fejn dan tal-aħħar obbliga ruħu li jbiegħ il-pjanċi bin-numru LPY-307 lill-attur,

liema pjanċi fid-data tal-wegħda kienu jinsabu fuq *minibus* aħmar li vann kien ser jibqa' proprjeta tal-konvenut. Il-prezz miftiehem kien ta' tmienja u tlettin elf Ewro (€38,000). Dan il-ftehiem sar bil-fomm.

2. L-attur fisser li meta waslu għall-iffirmar tat-trasferiment tal-pjanċi, il-konvenut irrifjuta li jiffirma u dan nonostante li kien ġie interpellat diversi drabi sabiex jagħmel hekk.

3. L-attur ippremetta li minħabba inadempjenza tal-konvenut huwa sofra diversi danni rappreżentanti telf ta' xogħol minħabba l-fatt li kien laħaq biegħ wieħed mill-vannijiet tiegħu kif ukoll telf kbir ta' xogħol mill-Koperattiva tal-Minibuses li seta jiġi assenjat lilu.

4. Għalhekk huwa fetaħ din il-kawża fejn talab lil din il-qorti

"*1. Tordna lill-intimat jersaq sabiex isir it-trasferiment tal-pjanċi bin-numru LPY-307 għal fuq ir-rikorrent;*

*2. Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti u li għad irid isofri r-rikorrent;*

*3. Tillikwida d-danni sofferti u li għad irid isofri r-rikorrent a kważa tan-nuqqasijiet tal-intimat, u dan anke bl-opera ta' periti nominandi; u*

*4. Konsegwentement, tordna lill-intimat iħallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrent, kif ukoll kull somma oħra dovuta.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-Ittra Uffiċjali numru 2231/2021 u bl-interessi skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li minn issa hu nġunt għas-subizzjoni.*"

5. Rat li l-konvenut Michael Cauchi ppreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu fid-19 t'Ottubru 2022, u fiha huwa beda billi eċċepixxa s-segwenti:

"*Illi preliminerjament u in limine litis l-esponenti jeċepixxi l-privilegium fori stante li l-esponenti jgħix u huwa residenti ġewwa l-gżira t'Għawdex u jixtieq jinqeda b'dan il-privileġġ illi tagħtih il-liġi.*"

6. Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2022 il-legali tal-attur iddikjarat li m'hijiex tikkontesta l-ewwel eċċezzjoni u ċioe l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori* u m'għandha l-ebda oppożizzjoni li dik l-eċċezzjoni tiġi milqugħa.

7. Rat li l-kawża tħalliet differita għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni.

Ikkunsidrat

**Il-liġi**

8. L-Artikoli relevanti tal-Kapitolu 12 huma s-segwenti:

   i. **Artikolu 50** li jipprovdi li "il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), [...] hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta'dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-qorti."

   ii. **Artikolu 741** b'mod partikolari l-inċiż (ċ) jaqra hekk: "L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata – [...] (ċ) meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari."

   iii. Mal-artikolu preċidenti jintrabat l-**Artikolu 767** li jagħti spjegazzjoni tal-benfiċċju mogħti f'inċiż (ċ): "Il-benefiċċju msemmi

fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer."

9. Il-*privilegium fori* jispiċċa u ma jistax ikun invokat fi tlett okkażjonijiet espressament indikati mil-liġi:

   i. Meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżira ta' Malta huwa daqs dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna (**Artikolu 769**);

   ii. Meta l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi eżegwita fi Gżira partikolari (**Artikolu 770**);

   iii. Ma jistax jintalab mill-werriet, meta, għar-raġuni msemmija fl-Artikolu 770, ma setgħax ikun mitlub mill-awtur tiegħu (**Artikolu 771**).

Ikkunsidrat

10. Il-Qorti tosserva li kemm l-Artikolu 769 kif ukoll l-Artikolu 771 huma inapplikabbli fil-każ odjern.

11. Fir-rigward tal-Artikolu 770 il-Qorti tqis illi tenut kont li l-attur iddikjara li jaqbel li l-eċċezzjoni hawn deċiża hija waħda fondata, tqis illi hemm aċċettazzjoni mill-attur li l-obbligazzjoni mertu tal-kawża kellha tiġi eżegwita fil-gżira ta' Għawdex.

12. Jirriżulta għalhekk sodisfaċentement illi din l-eċċezzjoni preliminari hija fondata u li l-kawża odjerna għandha tkompli tinstema quddiem il-Qorti kompetenti fil-ġżira t'Għawdex.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-*privilegium fori* mqajma mill-konvenut u filwaqt li tiddikjara li mhix kompetenti li tkompli titratta din il-kawża tordna li l-atti tal-kawża odjerna jiġu rimessi lill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali.

2. Tordna li din is-sentenza tiġi komunikata lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Ċivili.

Spejjeż riservati għad-deċiżjoni finali.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
31 ta' Jannar 2023

**Deputat Reġistratur**